MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 348/2011

Kawza fil-lista: 33

**W Y**
**vs**
**G H, f' isimha proprju u bhala kuratrici 'ad litem' tat-tifla G K H, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ipprmetta: li minn relazzjoni li hu kellha mal-konvenuta G H twieldet il-minuri G K H fis-19 ta' Jannar 2008; li fuq l-att tat-twelid tat-tifla, numru 431/08 din giet registrata bhala tifla ta' missier mhux maghruf; li huwa segwa l-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap.16, izda ghalkemm l-imsemmija konvenuta giet notifikata bl-ittra ufficjali, dina baqghet ma wegbitx fit-terminu stipulat; li l-istess konvenuta qed iccaddad lill-attur mid-dritt tieghu li

jirrikonoxxi lit-tarbija bhala bintu; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

1. Previa kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u, occorrendo bl-opera ta’ esperti nominandi, tiddikjara ai termini ta’ l-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri G K H illi twieldet fid-19 ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008);

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri bin-numru 1037031 [recte: 431/08], u dan billi fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier’ jithassru l-kliem ‘missier mhux maghruf’ u minflok jitnizzlu isem u kunjom ir-rikorrenti W Y, imwieled Pieta’ u dan minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimata l-iehor id-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenuta G H iddikjarat li taqbel li hi kellha relazzjoni ma’ l-attur, u li jkun ghaqli li jsiru t-testijiet genitrici “sabiex kull dubbju li jista’ jkun hemm dwar il-paternita’ ta’ l-istess minuri jigi eliminat u l-verita’ stabbilita’ darba ghal dejjem.”; ukoll, jekk l-azzjoni attrici tirnexxi, il-kunjom tal-minuri jnbidel ghal ‘Y H’; u li hi m’ ghandhiex tbati spejjez;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrefera ghall-artikoli 100A u 92[6] tal-Kap.16;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-espert mediku Dottor Renald Blundell;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta mhux kontradett li bejn Settembru 2006 u Marzu 2011 l-attur kellu relazzjoni stabbli mal-konvenuta

G H.  Matul din ir-relazzjoni twieldet il-minuri G K fis-19 ta’ Jannar 2008 li, ghalkemm dejjem giet accettata mill-attur bhala bintu, giet registrata mill-konvenuta ommha bhala wild ta’ missier mhux maghruf.

Illi x-xhieda u t-testijiet genitici jissufragaw it-tezi ta’ l-attur u cioe’ li t-tifla hija l-wild naturali u bijologika

Illi l-attur ried li jirrikonoxxi lit-tifla bhala bintu, u segwa l-procedura kontemplata fl-artikolu 86 billi baghat l-ittra ufficjali lill-konvenuta H li minn naha taghha ma rrispondhietx, u ghalhekk kellu jaghmel il-kawza odjerna. In vista ta’ dan, l-istess konvenuta ghandha tehel bl-ispejjez tal-proceduri odjerni, hlief ghal nofs l-ispejjez tar-rapport xjentifiku.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici;  u tiddikjara li t-tifla G K H li twieldet mill-konvenuta G H fis-19 ta’ Jannar 2008 hija l-wild naturali u bijologika ta’ l-attur;  u tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 431/08 fit-termini tat-tieni talba, b’ dan pero’ li l-kunjom tal-minuri jkun “Y H”.

L-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuta G H proprio, hlief ghall-ispejjez tal-espert mediku, li ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet b’ mod ugwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------